# KAPITLU 9
# IS-SEJHA

“Adam u Eva qeghdin hawn fil- genna?” staqsa Chaz.

“Iva, daz zgur,” qallu Barakjiel filwaqt li mexxa lil istudenti lejn il-bieb. “Qeghdin jistennewna fil-gnien ta’ l-akkademja, issa dal mUment. Ejjew imxu warajja.”

L-angli ilkoll imxew wara Barakjiel, ‘l barra mill-klassi, ghaddew mis-sala sa ma waslu hdejn il-bieb tal-gnien. Ma damux ma waslu go gnien lussuz kollu mimli fjuri u hdura flimkien mas-sigra ta’ kull kwalunkwe frott. Kien precizament l-istess bhal gnien ta’ l-Edem li kienu raw ftit tal-hin qabel.

F’nofs il-gnien zewg umani kienu qed jippassigaw ‘l fuq u l-isfel. Barakjiel nizel fil-vicin u xejrilhom. Huma daru lejh u mxew lejn l-angli li kienu qed jistennewhom wara Barakjiel.

“Is-sliem, Barakjiel,” sellem ir-ragel. “ Gibtilna xi klassi ohra ta’ angli biex izuruna?”

“Tassew ghandi wahda,” wiegbu l-imghallem Barakjiel, “ Klassi, iltaqghu ma’ Adam u Eva,” qal filwaqt li dawwar wiccu lejn l-angli u indirizzhom b’dan il-kliem.

U Chaz qal:” Imma……kif?”

Adam qabez fil-pront u qallu biex jikxiflu hsiebu: “ Kif ninsabu fil-genna? Hux hekk ridt tghid?”

“X’gara minnek wara li inti kilt mis-sigra?” staqsiet Sim.

“Eventwalment ahna mitna bhalma kien weghdna Alla li ser jigrilna,” irrispondiet Eva.

“Imma kif dhaltu hawn,” staqsa anglu iehor.

“Hija haga tqila li nghid x’gralna wara li mitna,” qal Adam. “Imma eventwalment xi hadd gie ghalina. Nizel fostna u mexxiena minn idejna lejn il-genna.”

“Min?” staqsa Chaz.

“Gesu’ Kristu l-Iben ta’ Alla,” wiegeb Adam.

“Ahna konna suppervi,” qalet Eva, “ It-tentazzjoni tas-serp kienet wisq iebsa ghalina biex ahna nghidu le. Ghalkemm konna bendmin, ridna nkunu bhal Alla.”

“Is-sabiha hi li Gesu’ li huwa Alla u bniedem, kien hu li gie ghalina,” qal Adam. “Huwa halla hajtu ghalina. Miet biex ahna nkunu nistghu mill-gdid inqumu ghall-hajja eterna.”

Chaz staqsa mistoqsija intelligenti lil Eva.” Li kieku kellek terga’ tghix hajtek mill-gdid tahseb li topera differenti minn kif oprat?”

Eva waqfet ghal ftit imbaghad qaltu: “ Mistoqsija tajba hafna. Li kieku kelli nerga’ nghix hajti mill-gdid kont naghmel hilti kollha biex dejjem inkun habiba ma’ Alla. Kont inkun zgura li huwa dejjem mieghi, qieghed hdejja biex jghinni. U ma kontx nikser ir-rieda tieghu.”

“ Naqbel perfettament,” wiegeb Adam.” Li tirresisti t-tentazzjoni bil-hila tieghek hija haga mpossibli, izda xejn ma huwa mpossibli quddiem Alla. L-ghajnuna tieghu tghinna biex nirbhu kull tentazzjoni basta naccettaw il-grazzja tieghu.”

Barakjiel irringrazzja lil Adam u Eva ta’ l-esperjenza taghhom u ordna li l-klassi kollha timxi lejn ix-xarabank li kienet qed tistenniehom quddiem il-kancell ta’ l-Akkademja.

Fis-silenzju u l-ordni l-angli kollha flimkien ma’ Barakjiel taru lejn id-dhul ta’ l-Akkademja.

Ftit qabel ma telghu fuq ix-xarabank, Sim staqsiet lil Barakjiel: " Sinjur, x'garalha dik it-tifla? Dik ser tidhol il-genna?"

U qabel ma Barakjiel seta' jitkellem, Chaz staqsa ukoll jekk il-hniena ta' Alla kienitx ghaliha wkoll, bhalma kienet ghal Adam u Eva.

"Hadt pjacir li staqsejtuni din il-mistoqsija. Dan juri l-interess kbir li hadu illum. Ejjew nistaqsu li Anglu Kustodju Natanjiel biex naraw kif marru l-affarijiet wara li ahna tlaqna."

Barakjiel capcap tnejn idejh biex jigbed l-attenzjoni tal-klassi kollha. "Sim U Chaz ghamlu mistoqsija importanti hafna," qalilhom meta ra li l-kliem ta' bejnithom intemm u kull anglu jhares lejh. " Staqsew fuq it-tifla li ltqajna maghha kmieni l-lum. Riedu jafu jekk il-hniena ta' Alla kienitx ghaliha ukoll. Ejjew naghtu telefonata lil Natanjiel u naraw x'gara."

Barakjiel qabad it-telfon li kien fuq il-mejda tal-kamra qabel tohrog mill-Akkademja u ghafas buttuna. Iddalja numru u l-angli semghu t-telfon icempel.

"Arkanglu Barakjiel, kif nista' nghinek," instema' l-lehen ta' Natanjiel jghid.

“Il-klassi tixtieq taf kif marru l-affarijiet ma’ dik it-tifla li inti kustodju taghha.”

“Haditu l-kastig?” staqsa Chaz.

“Talbet ghall-hniena?” staqsa anglu iehor.

“Ma stajtux iccemplu f’mument ahjar. Ara ser impoggikom fuq l-ispeaker u tistghu tistimghu x’qieghed jinghad bhal issa.”

Il-klassi kollha setghet tisma’ dak li omm it-tifla kienet qed tghidilha.



“Nittama li tghallimt kemm huwa mportanti li tisma’ u tobdi minnl dak li nghidlek,” qaltilha ommha.

“Skuzani, ma,” qalet it-tifla.

“Kienet haga tajba li ghidtli l-verita’, jigifieri stqarrejt li inti ma obdejtx. Nahfirlek.  Issa ejja nghidu it-talb li soltu nghidu, Lesta?”

Meta t-tifla temmet it-talb taghha, ghajnejh kull anglu fil-

klassi beka’ u bil-komma wiesgha tal-libsa taghhom messhu d-dmugh li gelben ma’ wicchom. U semghuha tghid dan il-kliem: “Anglu t’Alla, illi fit-tjubija tieghu, Alla tani biex tharisni, zommni u mexxi f’danil-jum hekk ikun.”

“Grazzi Natanjiel,” qallu Barakjiel u qata’ il-linja tat-telefon.

“ Kif taraw, gheziez angli kustodji futuri, il-bnedmin ghandhom bzonnkom. Flimkien zgur nirnexxu. Sa dan it-tant, prosit ghax-xoghol taghkom tal-lum. Tistghu tmorru bis-sliem.”